

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ġenerali ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-obbligu ta' motivazzjoni.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2018 – Porsche vs EUIPO – Autec (vetturi bil-mutur)

(Kawża T-209/18)

(2018/C 166/58)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Klawitter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjeta' Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Autec AG (Nürnberg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż: ir-rikorrenti

Disinn kontenzjuż: id-disinn Komunitarju Nru 1230593-0001

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Jannar 2018 fil-Każ R 945/2016-3

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tad-disinn Komunitarju kkontestat Nru 1230593-0001.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 6/2002;
- Ksur tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2018 – Porsche vs EUIPO – Autec (karozzi)

(Kawża T-210/18)

(2018/C 166/59)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Klawitter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjeta' Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Autec AG (Nürnberg, il-Ġermanja)